**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 461/01GC**

**DROP CHEMICALS LIMITED**
**VS.**
**Super Master Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' SEBA T'ELEF SITT MIJA TMIENJA U TLETIN LIRA Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm7638.36) prezz ta' diversi konsenji ta' detergenti u sapun lilha debitament mibjugha u kkonsenjati tul dawn l-ahhar xhur;

Illi interpellata thallas dan l-ammont is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-hlas tal-ammont fuq imsemmi;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghar-ragunijiet premess u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dispensat

mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu l67 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-affidavit hawn anness u mmarkat dokumentA, ghalieax m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma fuq indikata ta' Lm7638.36c.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid numru /01 u dak ta' sekwestru numru…../01 ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghax legali kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur